MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 1941/1999/1

**Advanced Telecommunications Systems Co. Ltd**

**vs**

**Springfield Company Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:

Illi hi kreditrici tas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' Lm6902 (sitt elef disa' mija u tnejn liri maltin) rappresentanti bilanc dovut minn somma akbar ghas-saldu ta' makinarju, equipment u xogholijiet in konnessjoni

mal-istess provduti mis-socjeta’ attrici skond kuntratt maghmul bejn il-partijiet fit-22 ta’ Gunju, 1995;

Illi s-socjeta’ attrici talbet lis-socjeta’ konvenuta diversi drabi sabiex thallas l-imsemmi bilanc permezz ta’ ittri bonarji u minkejja dan is-socjeta’ konvenuta baqet inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex m’ghandhiex dina l-Qorti:-

1. tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta debitrici lejn is-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ Lm6902;

2. tikkundanna s-socjeta’ konvenuta thallas l-imsemmija somma;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn gie eccepit :

1. Illi l-azzjoni tentata mis-socjeta’ attrici hija nsostenibbli u ma tistax tregi billi l-istess talbiet f’din il-kawza kienu jiffurmaw l-atti tal-kawza numru 715/98 AJM bejn l-istess partijiet, liema kawza kienet marret deserta fil-1 ta’ Settembru 1999 ghall-liema atti qeghda issir ampja riferenza;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni odjerna l-anqas ma hi sostenibbli u ma tistax tregi stante illi xejn mill-ispejjes in konnessjoni tal-kawza gia ndikata fl-ewwel eccezzjoni ma gew imhallsa, spejjes li kellhom qabel xejn jigu mhallsa;

3. Illi minghajr pregudizzju, u fil-mertu, l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta attrici stante illi l-fornitura tal-makkinarju, equipment u x-xogholijiet l-ohra li ghalihom qeghda ssir it-talba ghall-hlas ma kienux la tal-kwalita patwita u l-anqas skond is-sena u jew li seta jigi aggustat ghall-isfida tas-sena 2000 u dan kif jigi pruvat f' aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat il-kontro-talba tas-socjeta konvenuta fejn gie premess :-

Illi permezz ta' zewg skritturi datati t-22 ta' Gunju 1995 (kopji annessi u mmarkati dokumenti "A" u "B") is-socjeta' attrici bieghet lis-socjeta' konvenuta 'telephone system' u "computerisation system", u sussegwentement permezz ta' varji skritturi ohra (kopji annessi u mmarkati Dok C sa J) is-socjeta' attrici bieghet u ttrasferiet lis-socjeta' konvenuta "fax machine", "photocopier" kif ukoll diversi accessorji u xoghol ancillari u relatati, u dan ghall-prezz kumplessiv u globali ta' wiehed u ghoxrin elf u tmenin lira u tmintax-il centezmu (Lm21080.18);

Illi s-socjeta' konvenuta effetwat a favur tas-socjeta' attrici diversi pagamenti u fadal bilanc ta' hamest elef disa' mija tnejn u tletin lira u tlieta u sittin centezmu (Lm5932.63);

Illi t-telephone system u l-computerisation system fornuti mis-Socjeta' attrici kienu difettuzi u kienu konsegenza ta' telf sostanzjali ta' qliegh;

Illi f'diversi okkazzjonijiet s-socjeta' konvenuta nformat b'dawn id-difetti lis-socjeta' attrici li minn naha taghha bghatet teknici sabiex jirremedjaw dawn id-difetti;

Illi dawn l-istess difetti baqaw jirrikorru b'dannu u pregudizzju kbir ghas-socjeta' konvenuta liema danni jikkonsistu f'telf ta' qliegh minn servizzi resi u f'pagi u hela ta' hin utili;

Illi meta r-rekonvenzjonat inkariga teknici sabiex jaggustaw l-istess ekwipment u makkinarju, dan gie dikjarat bhala ma hux kompatibbli mas-sena 2000 ghall liema raguni r-rikonvenzjonant kellu jidhol fi spejjes ohra u jinstalla sistemi godda liema sistemi jahdmu perfettament u ma qeghdinx jikkrejaw d-diffikultajiet u telf li r-rikonvenzjonant kien isofri qabel konsegwenza tal-merkanzija difettuza fornita mis-socjeta' konvenuta;

Illi huwa dovut lir-rekonvenzjonant kumpens liema somma ghad trid tigi likwidata;

Ghalhekk is-socjeta konvenuta talbet li s-socjeta' attrici tghid ghaliex m'ghandiex dina l-Qorti:

1. Tiddikjara illi hu dovut lil istess rikonvenzjonant kumpens ghat-telf ta' qliegh, telf ta' flus minn servizzi resi minn terzi, l'paga u hela ta' hin utili;

2. Tillikwida l-kumpens dovut, u jekk ikun il-kaz, bl-opera ta' perit nominandi;

3. Tikkundanna lis-socjeta attrici thallas lis-socjeta konvenuta l-kumpens hekk likwidat.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta debitament komnfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta attrici fejn gie eccepit illi l-pretensjonijiet tas-socjeta konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-makkinarju u x-xogholijiet forniti mis-socjeta’ attrici kienu ta’ kwalita tajba u kif patwita bejn il-partijiet;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tas-socjeta attrici tal-21 ta’ Dicembru 2000 u d-dokumenti esibiti bl-istess nota. Rat ukoll il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Marzu 2001u li bih gew sorvolati l-ewwel zewg eccezzjonijet tas-socjeta konvenuta;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta’ Lulju 2001 li bih Martin Bajada gie nominat bhala perit tekniku bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat ir-rapport tal-abbli perit tekniku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tal-31 ta’ Mejju 2005;

Semghet lill-istess perit tekniku msejjah mis-socjeta attrici;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta attrici;

Rat in-nota responsiva tas-socjeta konvenuta;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li hi kreditrici tas-socjeta’ konvenuta fl-ammont ta’ sitt elef disa’ mija u tnejn liri maltin (Lm6902) bilanc minn somma akbar prezz ta’ makinarju, equipment u xogholijiet relatati u dana skond kuntratt tal-22 ta’ Gunju 1995. F’din il-procedura s-socjeta

attrici qed titlob li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas l-imsemmija somma;

Is-socjeta’ konvenuta qed teccepixxi li s-socjeta attrici kienet ghamlet l-istess talbiet f’kawza ohra, liema kawza giet dikjarata deserta fil-1 ta’ Settembru 1999 u illi xejn mill-ispejjes relattivi ghall-msemmija kawza l-ohra ma gew sa issa imhallsa. Fil-mertu teccepixxi li l-oggetti forniti u x-xoghol relatat ma kienux la tal-kwalita patwita u l-anqas ma saru skond is-sengha u l-arti. Inoltre l-istess ma setghux jigu aggustati ghall-isfida tas-sena 2000;

Is-socjeta konvenuta ghamlet kontro-talba fejn ippremettiet li s-socjeta’ attrici bieghet lis-socjeta’ konvenuta “telephone system” u “computerisation system” u “fax machine”, “photocopier” kif ukoll diversi accessorji inkluz ix-xoghol ancillari u relatat u dan ghall-prezz komplessiv ta’ wiehed u ghoxrin elf u tmenin lira u tmintax-il centezmu (Lm21080.18). Tippremetti ukoll li ghad ghandha thallas is-somma ta’ hamest elef disa’ mija tnejn u tletin lira u tlieta u sittin centezmu (Lm5932.63). It-telephone system u l-computerisation system kienu difettuzi u konsegwentement ikkawzawlha telf sostanzjali. Tippremetti inoltre li l-oggetti suppliti mis-socjeta attrici gew dikjaratl li ma kinux kompatibbli mas-sena 2000 u ghalhekk saru spejjez ohra u kellhom jigu stallati sistemi godda. Ghalhekk is-socjeta konvenuta tippretendi li s-socjeta attrici ghanda thallas kumpens ghal dawn id-danni minnha sofferti u b’hekk saret din il-kontro-talba;

Ghal din il-kontro-talba s-socjeta atrici eccepit li l-makkinarju u x-xogholijiet forniti kienu ta’ kwalita tajba u kif patwita;

In vista tan-nota tas-socjeta attrici tal-21 ta’ Dicembru 2000 u d-dokumenti esibiti bl-istess nota u in vista tad-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta kif verbalizzata fil-kors

tas-seduta tas-26 ta' Marzu 2001, jirrizulta li l-ewwel zewg eccezzjonijet tas-socjeta konvenuta gew sorvolati. Ghalhekk jibqa li tigi deciza t-talba attrici fl-isfond tal-eccezzjoni fil-meritu tas-socjeta konvenuta. Ghandha tigi deciza ukoll il-kontro-talba tas-socjeta konvenuta;

Skond dak li gie sottomess mis-socjeta attrici fid-dikjarazzjoni taghha ghar-rigward tal-kontro-talba tas-socjeta konvenuta jidher li l-istess socjeta attrici qed taccetta li l-bilanc effettivament dovut mhux dak indikat fic-citazzjoni izda hu dak indikat fl-imsemmija kontro-talba tas-socjeta konvenuta u cioe s-somma ta' hamest elef disa mija u tnejn u disghin liri maltin u tlieta u sittin liri maltin (Lm5932.63);

Fil-kors ta dawn il-proceduri gie nominat perit tekniku. Fir-rapport tieghu l-abbli perit tekniku, wara li zamm diversi accessi u wara li kkonsidra l-provi kollha prodotti, kkonstata, in linea generali, li s-sistema tat-telephone hi in effett operattiva u l-"computerized centralized system" supplit hu konformi ma' dak li wiehed kien istenna li jigi provdut fiz-zmien in kwestjoni. Ghalhekk il-perit tekniku kkonkluda li s-sistema telefonika ghadha operativa sal-gurnata tal-lum filwaqt li d-difetti rapportati fil-cabling tas-sistema komputerzzata huma inerenti mat-tip ta' cabling uzat. Ghar-rigward tas-software tas-sistema komputerizzata hemm dubju kemm dawn kienu registrati f'isem is-socjeta' konvenuta. Dan il-fatt, pero', ma jeffettwax l-funzjonlita' tas-sistema. Ikkonkluda ukoll li l-kontestazzjoni dwar l-isfida tas-sena elfejn hi nfondata peress li s-sistema giet kummissjonata fis-sena 1995, f'liema sena l-isfida tas-sena 2000 kienet ghadha ma tfaccatx. Ghalhekk l-abbli perit tekniku iddikjara li ma jista' jsib l-ebda difett tekniku fl-apparat kif dettaljat fl-istima tas-socjeta attrici;

Meta xehed f'dawn il-proceduri l-perit tekniku kkonferma li l-cabling li gie nstallat kien skond l-ordni li kienet saret minn naha tas-socjeta' konvenuta. Huwa kkonferma ukoll li l-cabling installat kien l-istandard cabling li generalment kien jintuza fiz-zmien in kwestjoni;

Il-Qorti esaminat bir-reqqa ir-rapport tal-perit tekniku. Taqbel mal-kokluzjonijiet li wasal ghalihom l-istess perit tekniku u ghalhekk dawn l-istess konkluzjonijiet qed jigu adottati u l-Qorti tghamillhom taghha. Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel li l-Qorti tvarja jew tbiddel dawn l-istess konkluzjonijiet;

Ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu akkolti limitatament pero' ghas-somma ta' hamest elef disa mija u tnejn u disghin liri maltin u tlieta u sittin centezmi (Lm5932.63). Konsegwentement it-talbiet tas-socjeta konvenuta kif kontenuti fil-kontro-talba ghandhom jigu kollha rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi dwar it-talbiet attrici billi tilqa l-istess talbiet pero' limitatament ghas-somma ta' hamest elef disa mija u tnejn u disghin liri maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm5932.63) u b'hekk tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-istess somma ta' Lm5932.63 ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni lis-socjeta konvenuta sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kwantu ghal kwart (1/4) jithallsu mis-socjeta attrici u kwantu ghar-rimanenti tlett kwarti (3/4) jithallsu mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------